MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 414/2000/1

**Paul Giordimaina**

**vs**

**Pija Giordimaina, Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-Qorti ta' l-24 ta' Jannar 2001 gew nominati Dr. Richard Sladden u P.L. Liliana Buhagiar bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri Nicky Giordimaina li twieled fit-28 ta' Dicembru, 1997**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur u l-konvenuta Pia konjugi Giordimaina ilhom ighixu separati minn xulxin minn 1996 u fl-ebda zmien ma regghu nghaqdu jew kellhom xi relazzjoni intima ma' xulxin;

Illi l-konvenuta kellha tarbija u cioe' Nicky li hija weldet fit-28 ta' Dicembru, 1997 f'Ghawdex kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid (Dok. A), liema tarbija twieldet minn relazzjoni extra-maritali li l-konvenuta kellha *ad insaputa* tal-attur;

Illi ghalkemm il-missier naturali ta' l-imsemmi minuri Nicky zgur m'huwiex l-attur, fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-istess minuri gew registrati ismu kif ukoll il-konnotati kollha tieghu bhala missier il-minuri.

Illi l-attur sar jaf b'dan fi Frar, 2000, hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

L-istess attur talab li ghalhekk il-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri Nicky Giordimaina li twieled fit-28 ta' Dicembru, 1997 m'huwiex l-attur; u

2. Tordna l-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid numru 16/1998 mahrug mir-Registru Pubbliku, Ghawdex, tal-minuri msemmi fis-sens li fil-kolonni rispettivi ghall-"Isem u kunjom", "Professjoni, sengha jew stat iehor"; "Eta'", "Fejn Twieldu - Jogghodu"; u "Isem u Kunjom il-Missier - u jekk hux haj jew mejjet" jitnehhew il-partikolaritajiet registrati in kwantu dawn jirreferu ghall-attur.

Bl-ispejjez komprizi dawk tar-rikors ipprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attur li biha esebixxa l-affidavits tieghu, ta' Mr.Charles Swain, ta' Pija Giordimaina, ta' Sabrina Farrugia u Anthony Gafa'.

Rat il-verbali tas-seduti tal-31 ta' Ottubru 2000; tat-13 ta' Novembru 2000 u tal-4 ta' Dicembru 2000;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol.39 tal-process fejn gie eccepiet:-

1. Illi dwar il-mertu tac-citazzjoni odjerna huwa mhuwhiex edott mill-fatti kif allegati mill-attur;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghandu qabel xejn isir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

3. Illi inoltre u bla pregudizzju, f'kaz li jintlaqghu it-talbiet attrici, ghandhom jigu kancellati l-kliem "*the said*" mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet tal-omm;

4. Illi fi kwalunkwe kaz, ic-cirkostanzi li taw lok ghall-kawza odjerna huma ghal kollox estranei ghal konvenut li allura m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess a fol.40 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-2 ta' Mejju 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr.Greta Agius biex tigbor il-provi;

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fid-29 ta' Ottubru 2001 fejn Dr.Borg iddikjarat li ma fadlilhiex provi aktar.

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta' Novembru 2001; tat-23 ta' Jannar 2002; tat-12 ta' April 2002 u tal-10 ta' Ottubru 2002 fejn il-konvenuti msejhin tlett darbiet baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Jannar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

## A. TALBA ODJERNA

Illi din hija kawza ta' denegata paternita' fejn l-attur qed isostni li l-minuri Nicky Giordimaina mhux il-wild naturali tieghu ghaliex dan twieled minn relazzjoni extra-maritali li martu kellha ma' certu Anthony Gafa'.

Illi l-konvenuta Pija Giordimaina giet debitament notifikata bic-citazzjoni u bl-avviz ghas-smiegh fl-1 ta' Marzu 2001 u ma pprezentat l-ebda nota tal-eccezzjonijiet. Illi min-naha tieghu d-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa illi mhux edott mill-fatti u diversi eccezzjonijiet ohrajn.

## B. PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit tieghu **Paul Giordimaina** xehed li hu zzewweg lil Pija Giordimaina fl-1 ta' Marzu 1984 u kellhom tlett itfal. Wara t-twelid ta' binthom iz-zghira li twieldet fl-1 ta' Frar 1989 huma ddecidew li jaghmel operazzjoni ta' sterilizzazzjoni. F'Mejju 1989 Mr.Charles Swain MD, FRCS (Eng) ghamillu tali operazzjoni privatament. Hu u martu baqa' jkollhom relazzjonijiet wara din l-operazzjoni. Illi hu kompla li fis-6 ta' Jannar 1997 martu telqet mid-dar u minn dakinhar la kellhom relazzjonijiet intimi u wisq anqas irrikonciljaw. Wara din id-data hu ma kienx a konoxxenza tal-movimenti ta' martu u kienu rari ferm l-okkazzjonijiet fejn martu marret izzur lit-tlett uliedhom u b'hekk ma kienx jaf x'qed jigri. Fit-28 t'April 1998 huwa u l-konvenuta Pija Giordimaina sseparaw permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr.Nathalie Pace Asciak u f'dan il-kuntratt issemmew biss it-tlett uliedhom. F'Jannar 2000 ircieva kumpens moghti mill-Gvern fl-ammont ta' Lm10 ghal kull membru familjari (Dok.B a fol.14 tal-process) fejn kien hemm imnizzel tarbija ohra bhala dipendenti tieghu cioe' Nicky Giordimaina. Hu cempel lil martu u hi qaltlu li dan kien binha li twieled mir-relazzjoni extra-maritali li kellha ma' Anthony Gafa'. Hi kienet iddejqet tghidlu u qaltlu li weldet lill-imsemmi minuri fl-Isptar t'Ghawdex fit-28 ta' Dicembru 1997.

Illi **Mr. Charles Swain MD, FRCS (Eng)**, *Consultant Surgeon*, iddikjara li wara li kien gie avvicinat mill-attur hu operah personalment sabiex jisterilizzah fil-klinikia tieghu f'Ta' Xbiex ghal habta ta' Mejju 1989.

Illi **Pija Giordimaina** kkonfermat li wara t-twelid ta' binthom iz-zghira hi u zewgha ddecidew li jaghmel operazzjoni ta' sterilizzazzjoni kif fil-fatt ghamel. F'Ottubru 1996 hi bdiet relazzjoni extra-maritali ma' certu Anthony Gafa' wara li kienet iltaqghet mieghu fil-hanut li kellhom hi u zewgha f'San Pawl il-Bahar. Wara ftit jiem beda jkollhom relazzjonijiet intimi bejniethom. Hi baqghet ghaddejja b'din ir-relazzjoni u fis-6 ta' Jannar 1997 iddecidiet li titlaq mid-dar matrimonjali. Wara li telqet mid-dar hi u Anthony Gafa' baqghu johorgu flimkien u baqa' jkollhom relazzjonijiet intimi regolari. Filwaqt li kienet qatghet kull kuntatt minn ma' zewgha hlief rarament biex tara lil uliedhom. F'Marzu 1997 harget tqila minn Anthony Gafa'. Hi qalet *"Jiena certa li t-tarbija hija ta' Anthony Gafa' peress li f'dak il-perjodu, jien kien qed ikolli relazzjonijiet intimi mieghu biss".* Hi ma qalet lil hadd b'din it-tqala hlief lin-neputija taghha Sabrina u lil Anthony Gafa'. Minhabba li hi qawwija min-natura taghha hadd ma nduna. Dakinhar li kellha twelled telghet fl-Isptar Generali t'Ghawdex. Anthony Gafa' kien wassalha sal-vapur. Nicky twieled fit-28 ta' Dicembru 1997 u Gafa' mar 3 ijiem wara u ffirmalha biex tohrog mill-Isptar.

Illi hi xehdet li qatt ma qalet lil Paul u lit-tlett uliedhom b'dan biex ma tweggaghhom. Ftit xhur qabel l-affidavit Paul cemplilha u staqsieha dwar it-tarbija u hi gharrfitu b'kollox. Sal-lum Paul u binhom il-kbir qatt ma raw lill-minuri filwaqt li z-zewg ulied l-ohra ltaqghu mieghu pero' ma jafux li hu huhom. Ftit wara t-twelid ta' Nicky hi u Anthony Gafa' ma baqghux jiffrekwentaw lil xulxin. Fl-ahharnett hi xehdet li ghalkemm meta marret biex tirregistra lit-tifel Nicky u talbithom biex ikun "*unknown father*" l-impjegat tar-Registru Pubbliku qalilhom li dan ma kienx possibbli peress li ma kienitx legalment separata minn zewgha Paul.

Illi **Sabrina Farrugia**, in-neputija tal-konvenuta, ikkonfermata li f’Jannar 1997 zijitha telqet lill-attur u wara tlett xhur marret tghix fid-dar tal-genituri taghha. Hi kienet telqet mid-dar minhabba li kellha relazzjoni ma’ Anthony Gafa’ u x-xhud iltaqghet maghha fil-kumpanija tieghu f’diversi okkazzjonijiet. Fis-Sajf 1997 zijitha qaltilha li kienet tqila minn Gafa’ u talbitha biex ma tghid lil hadd. Hi kienet tmur ma’ zijitha ghand it-tobba ghal vizti regolari waqt it-tqala. Fil-perjodu li harget tqila sa fejn kif taf hi l-uniku relazzjoni li l-konvenuta kellha kienet ma’ dan Gafa’. Hi kienet qaltilha li se titla’ twelled Ghawdex. Ftit jiem wara li twieled il-minuri zijitha giet lura Malta bih.

Illi **Anthony Gafa’** xehed li ghal nofs Settembru 1996 iltaqa’ mal-konvenuta fil-bar immexxi minnha u minn zewgha. Hu beda jmur ta’ spiss u bejn erba’ u sitt xhur wara hareg l-ewwel darba maghha. Huma baqghu johorgu flimkien ta’ spiss minn wara dahar zewgha u kien ikollhom relazzjonijiet intimi. Ftit wara Pija Giordimaina gharrfitu li kienet tqila minn tarbija tieghu u li kienet qed tibza’ tghid lil zewgha peress li hu ma setax ikollu aktar tfal wara operazzjoni li kien ghamel. Hi b’hekk telqet mid-dar u marret tghix m’ohtha. Matul dan iz-zmien baqa’ jkollu x’jaqsam maghha liberament. Fit-28 ta’ Dicembru 1997 hi welldet lit-tifel taghhom li semmew Nicky. Wara tlett ijiem li hi xtrat lit-tifel mar l-Isptar biex jiffirma biex hi tohrog. Ftit zmien wara nfirdu u minn dakinhar sal-lum ma ltaqghux aktar u t-tifel ghadu jghix maghha.

## C. Konsiderazzjonijiet Legali

Illi l-**artikolu 70 tal-Kap 16** jghid li:

*“(1) Ir-ragel jista’ jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg :*

*(a) jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibbiltà fizika li jghammar ma’ martu minhabba li kien boghod minnha, jew minhabba xi accident iehor; jew*

*(b) jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul dak iz-zmien ikun rega' nghaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(c) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternita`.*

*(2) Id-dikjarazzjoni biss ta' l-omm fis-sens li zewgha mhux missier it-tifel ma tkunx bizzejjed biex teskludi l-paternità tar-ragel.*

*(3) Il-Qorti tista' f'kawza ghac-cahda ta' l-gharfien tat-tarbija, tistieden lill-partijiet kollha jew xi wahda minnhom, kif ukoll lill-wild li l-filjazzjoni tieghu tkun fid-dubju, sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz. Il-qorti jkollha l-jedd li tasal ghal dawk il-konkluzjonijiet li jistghu jkunu gustifikati jekk parti ma tkunx trid taghmel dawk l-ezamijiet. Meta t-tifel li dwar il-filjazzjoni tieghu jkun hemm kwistjoni jkun minuri, il-Qorti stess ghandha tistabbilixxi jekk it-tifel jaghmilx l-ezamijiet."*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija dik ta' denegata paternita` u hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakata l-legittimita' ta' l-ulied u cjoe':

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**Artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**Subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",*

u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma fuq kollox ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**Artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**Artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**Artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952) li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza.*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (AJ M) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu il-possibilita' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**Artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**Artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni imsemmija ta' mpunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**Artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**Artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-i*status* ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-Artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-Artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA.RCP 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid **jew** tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**Artikoli 81** mal-**Artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**Artikolu 77** dwar l-impossibilita' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**Artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**Artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie

ukoll konfermat fis-sentenzi **“Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri”** (Vol.XXXII.ii.309) u **“Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et”** (P.A. RCP 18 ta’ Jannar 2000) fejn inghad li:-

*“Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta’ att ta’ twelid **jew** ta’ pussess ta’ stat (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista’ issir b’xhieda ohra li tista’ tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta’ stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli”.*

Illi dan l-istat fattwali japplikaw in-normi stabbiliti fis-sentenza ta’ dina l-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet “**Walter Ahar nomine vs Pio Micallef et.”** deciza fil-21 ta’ Frar 1996 peress li ma jezistix l-istat ta’ paternita’ li huwa fattwalment konformi mal-istess certifikat tat-twelid. Illi dwar il-prova necessarja u l-principji applikabbli u a skans ta’ repetizzjoni din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **“Anthony Sant vs John Cutajar et”** (RCP 10 ta’ Novembru 1999).

Illi japplikaw ukoll pero’ n-normi stabbiliti minn din il-Qorti fl-interpretazzjoni li qieghda taghti lill-kuncetti ta’ “boghod” u “impossibilita’ fizika” imsemmija fl-**artikolu 77 tal-Kapitolu 16**, fis-sens illi dawn in-normi ghandhom jigu nterpretati fis-sens illi jistghu jaffettwaw il-koncepiment tat-tarbija - ara “**Ronald Bray vs Charmaine Bray**” deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Novembru 1997 u “**Spiteri vs Cilia**” deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Jannar 1998.

Illi sentenzi ohra tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili li jirrispekkjaw dawna l-principji huma “**Antonella Bartolo vs Paul Fava**” deciza fit-30 ta’ Jannar 1998, “**Miriam Salerno noe. vs Joseph Salerno et**” deciza fil-15 ta’ Settembru 1998, u “**George Grech vs Nazzareno Grech et.”** deciza fit-30 ta’ April 1999.

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fis-sentenzi "**Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); "**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et**" deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. RCP 10 ta' Novembru 1999); "**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. RCP deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); "**Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. RCP deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP).

Illi fil-fatt l-**artikolu 73 tal-Kap 16** jipprovdi li

***73.*** *Fil-kazijiet illi r-ragel jista' jaghmel kawza sabiex jichad li jaghraf tifel bhala ibnu, hu ghandu jaghmel l-azzjoni:*

*(a) fi zmien sitt xhur mit-twelid, jekk huwa f'dak iz-zmien kien jinsab f'Malta;*

*(b) fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jigi lura f'Malta, jekk fiz-zmien tat-twelid hu kien nieqes minn Malta;*

*(c) fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi.*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-**Artikolu 70** maghdud mal-**Artikolu 73** jindika bic-car li tali azzjoni hija proponibbli meta l-minuri 'n kwisjoni li dwaru tkun qed issir it-talba ma jkunx ottjena dak il-pussess tal-istat ta' iben legittimu, kif deskritt u stabbilit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-gurisprudenza fuq riferita` mehuda fl-ambitu u suggetta ghal dak li hemm indikat partikolarment fl-**artikolu 70 tal-Kap 16** japplika wkoll ghall-kaz *de quo.*

## D. Applikazzjoni ghall-kaz *de quo*

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-konjugi Giordimaina li zzewgu fl-1 ta' Marzu 1984 kellhom tlett ulied. L-ahhar wild taghhom twieldet fl-1 ta' Frar 1989. Huma ddecidew li l-attur jaghmel operazzjoni ta' sterilizzazzjoni biex ma jkunx jista' jkollu aktar tfal. Infatti f'Mejju 1989 hu gie operat fil-klinika privata ta' Mr.Charles Swain. Dan gie

minnu stess ikkonfermat fl-affidavit tieghu li huwa opera lill-attur.

Illi rrizulta li f'Ottubru 1996 il-konvenuta bdiet relazzjoni extra-maritali ma' certu Anthony Gafa'. Dan gie konfermat mill-istess Gafa' fl-affidavit tieghu. It-tnejn li huma kkonfermaw li kien ikollhom relazzjonijiet sesswali bejniethom. Dan kollu kien qed isir minn wara dahar l-attur. Imbaghad fis-6 ta' Jannar 1997 il-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali. Illi kemm hi nnifisha u kemm l-istess Gafa' ikkonfermaw li minn mindu telqet mid-dar matrimonjali huma kienu johorgu flimkien u baqghu jkollhom relazzjonijiet intimi regolarment. L-istess neputija tal-konvenuta, li tidher li kienet anki l-konfidenti tal-istess Pija Giordimaina, xehdet fis-sens li sa fejn taf hi zijitha kellha biss relazzjoni ma' dan Gafa' u f'diversi okkazzjonijiet iltaqghet maghhom flimkien. Illi f'Marzu 1997 harget tqila minn Anthony Gafa'. L-unici persuni li kienu jafu kienu l-istess Anthony Gafa' u n-neputija tal-konvenuta Sabrina. Kemm hi kif ukoll zewgha ddikjaraw li ma kellhomx x'jaqsmu, u lanqas li kieku kellhom relazzjonijiet intimi bejniethom gie ampjament ippruvat illi l-attur ilu li ssottopona ruhu ghall-operazzjoni ta' l-isterilizzazzjoni sa minn Mejju 1989 u kwindi l-attur kien fl-impossibilita' fizika li dan il-minuri, mertu tal-kawza odjerna, gie koncepit permezz tieghu. Infatti d-dikjarazzjoni ta' Mr.Charles Swain fl-affidavit tieghu tikkorrobora u tikkonferma l-istess.

Illi b'hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha stante li l-azzjoni saret fit-terminu preskritt mil-ligi ghaliex l-attur gie a konoxxenza tal-minuri biss meta rcieva l-kumpens moghti mill-Gvern f'Jannar 2000 u l-kawza infatti pprezentaha f'Marzu 2000. Inoltre' mill-provi rrizulta li t-termini tal-**artikolu 70(c) u (d)** kif indikati fil-gurisprudenza fuq riferita japplikaw ghall-kaz in kwistjoni.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur

tar-Registru Pubbliku u fil-kontumacja tal-konvenuti l-ohra, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri Nicky Giordimaina li twieled fit-28 ta' Dicembru ,1997 m'huwiex l-attur; u

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid numru 16/1998 mahrug mir-Registru Pubbliku, Ghawdex, tal-minuri msemmi fis-sens li fil-kolonni rispettivi ghall-"Isem u kunjom", "Professjoni", "sengha jew stat iehor", "eta'", "fejn twieldu –joqoghdu", u "Isem u kunjom il-Missier – u jekk hux haj jew mejjet" jitnehhew il-partikolaritajiet registrati in kwantu dawn jirreferu ghall-attur, inkluz il-kancellament tal-kliem *"the said"* mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet tal-omm u tordna wkoll li ssir kull modifika necessarja f'dan ir-rigward sabiex dak li gie deciz f'din il-kawza jigi rifless fl-istess certifikat tat-twelid u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti, fis-sens li l-missier tal-istess minuri jigi ndikat bhala "mhux maghruf".

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta *stante* li ma jirrizultax li l-konvenuti l-ohra u l-attur ghandhom ibatu spejjez f'din il-kawza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**9 ta' Jannar 2003.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**9 ta' Jannar 2003.**